**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2019 — CI et vs Il-Parlament u l-Kunsill**

**(Kawża T-383/19)**

(2019/C 270/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* CI, CJ, CK, CL u CN (rappreżentant: J. Fouchet, avukat)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament (UE) 2019/592 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa, fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż tal-avukat li jekwivalu għal EUR 5000.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tad-drittjiet kweżiti naxxenti miċ-ċittadinanza Ewropea permezz tar-Regolament (UE) 2019/592.

   Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jqisu li l-Parlament u l-Kunsill kisru d-dritt tagħhom għal ħajja privata u tal-familja sa fejn huma stabbilixxew il-ħajja tagħhom għal iktar minn ħmistax-il sena fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni, Stat li miegħu huma għandhom rabtiet mill-qrib: uħud minnhom għandhom konjugu u tfal ċittadini ta' Stat Membru ieħor jew għandhom fih proprjetà immobbli.

   Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li r-regolament ikkontestat jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza peress li jirrikonoxxi t-terminazzjoni tad-drittjiet li huma jisiltu miċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejn iċ-ċittadini suġġetti għar-regoli tat-tħassir tad-dritt tagħhom għal vot wara ħmistax-il sena ta' residenza mhux fir-Renju Unit u l-oħrajn.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-istatut ta' Ġibiltà permezz tar-regolament ikkontestat, sa fejn ir-riferiment għal Ġibiltà fir-regolament ikkontestat bħala "kolonja tal-Kuruna Brittanika" jista' biss jagħti lok għal klima mhux adattata għall-konċiljazzjoni bejn Spanja u r-Renju Unit b'detriment għad-drittijiet tal-abitanti ta' Ġibiltà.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-eżenzjoni ta' viża mogħtija liċ-ċittadini Brittaniċi bir-Regolament 2018/1240, minħabba li r-rikorrenti ikollhom jitolbu awtorizzazzjoni tal-vjaġġ ETIAS u li għaldaqstant teżisti possibbiltà li din l-awtorizzazzjoni tiġi rrifjutata.